MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 277/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-12 ta’ Awissu, 2005 li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet:

Illi l-attriċi A u l-konvenut B iżżewġu fl-4 ta’ Mejju, 1998;

U illi l-kunsens ta’ l-attriċi għaż-żwieġ imsemmi nkiseb b’qerq dwar kwalita’ tal-konvenut li mix-xorta tagħha fixklet serjament il-ħajja miżżewġa kif ser jiġi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

U illi l-kunsens tal-partijiet għal dan iż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja illi għamlitha impossibli għall-partijiet illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

U illi l-kunsens tal-konvenut għal dan iż-żwieġ inkiseb u ġie marbut ma' kondizzjoni li tirreferi għall-futur;

Illi għalhekk iż-żwieġ bejn il-partijiet kien null u invalidu skond il-liġi.

Għalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-partijiet ta' l-4 ta' Mejju, 1998 fuq imsemmi kien null u invalidu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut baqa' ma ppreżentax nota tal-eċċezzjonijiet u għalhekk huwa kontumaċji skond il-liġi.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits ta' l-attriċi u ta' omissis.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-4 ta' Mejju, 1998 a bażi ta' l-Artikolu 19 (1) (c), (d) u (g) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-konvenuti huwa kontumaċji u ma ressaqx provi iżda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'każ ta' ammissjoni.

L-artikoli ċitati mill-attriċi jirrigwardjaw;

19 (1) (c) – il-kunsens inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-oħra li mix-xorta tiegħu jista' jfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (g) – illi l-kunsens kien marbut ma' kondizzjoni illi tirreferi għall-futur.

Mill-provi mressqa mill-partijiet jidher li huma żżewġu mingħajr ma qalu lil ħadd. Il-ġenituri ta' l-attriċi kkonfermaw li saru jafu permezz ta' telefonata anonima. L-attriċi dak iż-żmien kienet toqgħod magħhom iżda ftit

wara telqet ukoll mingħajr ma qaltilhom. Iżda ftit wara marret tibki għandhom għaliex kien telaqha żewġha u beda relazzjoni ma' ħabiba tagħha. Mill-affidavit ta' l-attriċi jidher li dan kien jippressaha biex jiżżewġu għaliex kien ibeżżagħha illi jekk ma jiżżewġux kien se jitkeċċa minn Malta. Jidher għalhekk li l-iskop tiegħu kien dan. Eventwalment telaqha għax beda relazzjoni ma' mara oħra u kellhom tarbija. Jidher ċar li l-konvenut uża lill-attriċi għall-iskopijiet tiegħu.

Għalhekk fil-fehma tal-Qorti jeżistu r-rekwisiti taħt is-sub-artikoli (c) u (d) fuq imsemmija biex iż-żwieġ jiġi dikjarat null.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba ta' l-attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ bejn il-kontendenti kontrattat 4 ta' Mejju 1998. L-ispejjeż a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------